MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2008

Numru. 759/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**Vs**

**Godwin Agius**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat, Godwin Agius, ta` 44 sena, iben Joseph u Stella nee` Aquilina, imwieled Zebbug (Malta) fit-8 ta` Marzu, 1963, residenti 13, Triq Sciortino, Zebbug u detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru 185263(M), gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

a) f`dawn il-Gzejjer, fit-13 ta` Novembru, 2000, u fix-xhur ta` qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(A) u (D) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta, liema droga instabet f`tali cirkostanza li juru li ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(b) F`dawn il-Gzejjer, fit-13 ta` Novembru, 2000, u fix-xhur ta` qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu u garr arma tan-nar u munnizjon, minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur ta` Art. 3(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta` Malta.

(c) Waqt li gie fil-pussess tal-imsemmija arma tan-nar u munizzjon, ma tax avviz immedjat lill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta` Art. 9(1) tal-Ordinanza dwar l-Armi, Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti nkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 24 ta` Novembru, 2000 (a folio 34 tal-process) sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta` Novembru, 2000, (a folio 11 tal-process) l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat b`pussess ta` arma tan-nar minghajr il-licenzja tal-Pulizija, talli ma nfurmax lil Kummissarju tal-Pulizija malli gie fil-pussess tal-imsemmija arma tan-nar kif ukoll ta` pussess tar-raza mehuda mill-pjanta cannabis, liema pussess ma kienx ghall-uzu personali tieghu.

Mix-xhieda ta` l-Ispettur Jeffrey Cilia (a folio 30 *et sequitur* tal-process) jirrizulta li fit-13 ta` Novembru, 2000, il-Pulizija kellha nformazzjoni li l-imputat kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju u ghalhekk dakinhar stess l-imsemmi Spettur flimkien ma` PC 294 marru jaghmlu tfittxija fil-garaxx fejn kien jahdem l-imputat flimkien ma` hutu, u cioe` Mac Autoparts, Mdina Road, Haz-Zebbug u waqt li kienet qed issir it-tfittxija, f`kamra li kien juzaha l-imputat biss, f`kaxxa tal-injam fejn kien hemm xi hwejjeg, instabet blokka li kienet suspettata li kienet raza tal-cannabis. Sussegwentement l-imputat minn jeddu ghadda lill-ispettur Cilia, l-pistola li giet esebita fis-seduta tat-28 ta` Novembru, 2000 (li hija mmarkata bhala Dok. JC2). L-ghada li saret l-imsemmija tfittxija l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-Ispettur Cilia (esebita a folio 9 u 10 tal-process) fejn huwa ammetta li s-sustanza li nstabet kienet tieghu u fejn huwa qal ukoll li kienet ilha ghandu erba` snin u li kien xtraha ghal prezz ta` Lm 200 minghand certu wiehed Bartolo, illum mejjet u fejn huwa nnega li kien qed ibiegh minn din id-droga. Fir-rigward tal-arma, l-imputat ammetta li din kienet tieghu u qal li kien xtraha ghall-prezz ta` Lm 150.00 minghand persuna ta` nazzjonalita` Gharbija. Rigward id-droga, l-imputat qal li huwa kien insija f`dik il-kaxxa. L-Ispettur Jeffrey Cilia spjega li fit-tfittxija li saret ma nstab ebda oggett relatat mal-abbuz jew mal-uzu tad-drogi.

Mix-xhieda ta` WPC 77 (a folio 39 u 40 tal-process) irrizulta li l-imputat Godwin Agius m`ghandu ebda licenzja sabiex izomm jew igorr arma tan-nar filwaqt li mix-xhieda u mir-rapport tal-ex Brigadier Maurice Calleja (a folio 70 sa 73 tal-process), li gie nominat bhala espert ballistiku sabiex jezamina l-arma esebita f`dawn l-atti, irrizulta li l-arma kienet pistola semi awtomatika moderna tad-ditta Davis Industries li ghandha kalibru 9 mm u numru tar-registrazzjoni AP023707 u rrizulta wkoll li din l-arma kienet tiffunzjona tajjeb f`kull aspett.

Mix-xhieda u mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud (a folio 48 sa 55) irrizulta li s-sustanza li giet elevata waqt it-tfittxija li saret fil-garaxx tal-imputat fit-13

ta` Novembru, 2000 kienet blokka ta` sustanza kannella kellha ammont nett totali ta` 223.8 gramma u kien fiha s-sustanza *Tetrahydocannabinol*. Is-sustanza *Tetrahydocannabinol,* li tigi mill-pjanta tal-Cannabis, hija sustanza kkontrollati bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta` Malta.

Illi l-imputat ghazel li jixhed f`dawn il-proceduri (deposizzjoni relattiva tinsab a folio 86 sa 89 tal-process) fejn huwa kkonferma dak kollu li kien qal *a tempo vergine* meta rrilaxxja l-istqarrija li saret referenza ghaliha aktar il-fuq. Huwa spjega wkoll li madwar erba` snin qabel d-data li fiha kien qed jixhed huwa kellu problema ta` l-abbuz mid-droga, kien imur id-Detox u kien jiehu l-Methodone izda nonostante li ma ghamel ebda programm huwa rnexxielu jeghleb il-problema bl-ghajnuna ta` certu Dr. Moses. Huwa qal li minn dak iz-zmien ma kienx rega` ha droga u kien nesa li kien halla d-droga li nstabet waqt it-tfittxija fl-imsemmija kaxxa. Huwa qal li fil-fatt kien hu stess li offra lill-Ispettur Jeffrey Cilia sabiex jaghmel tfittxija fil-kaxxa fejn eventwalment instabet id-droga. Huwa spjega li din id-droga li nstabet kien xtraha sabiex jehodha hu biss u mhux sabiex ibieghha lil haddiehor. In kontro-ezami huwa izda ikkonferma li meta l-Ispettur Cilia staqsieh kellux pistola u deheb huwa kien irrisponda fin-negattiv u ghalhekk l-Ispettur qallu li kien ser jaghmel *search.* L-imputat qal ukoll li meta huwa kien jabbuza mid-droga kien jiehu s-sustanza hekk imsejha *smack* u kien xtara d-droga li nstabet, u cioe` il-cannabis, sabiex jehodha meta ma jkollux bizzejjed flus sabiex jixtri l-*smack.*

Ikkunsidrat:

Illi kemm mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat *a tempo vergine* kif ukoll mix-xhieda moghtija minnu quddiem din il-Qorti jirrizulta ampjament li huwa qed jammetti li kellu l-pussess illegali tal-arma in kwistjoni u li huwa kellu fil-pussess tieghu il-kwantita` tas-sustanza mehuda mill-pjanta cannabis esebita f`dawn l-atti. Minn ezami akkurat tat-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza jidher li l-unika haga li l-Prosekuzzjoni u d-Difiza m`humiex qed

jaqblu dwarha tirrigwarda n-natura tal-pussess tad-droga fis-sens li l-Prosekuzzjoni tikkontendi li l-kwantita` tad-droga misjuba u c-cirkostanzi li fiha nstabet jindikaw li l-pussess kien wiehed aggravat, 'l hekk imsejjah *possession with intent*. Id-Difiza min-naha l-ohra tikkontendi li l-pussess kien wiehed semplici u cioe` intiz biss ghall-uzu personali ta` l-istess imputat.

Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi migjuba kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza jidhrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli, kif inhu tenut li jaghmel, li d-droga misjuba fil-pussess tieghu fil-fatt kienet ghall-uzu personali biss. Ic-cirkostanzi li fihom instabet it-tali sustanza, u cioe` il-fatt li din instabet waqt tfittxija ghal xi haga ohra (il-pistola), il-fatt li nstabet mhux mimsusa, il-fatt li l-imputat nonostante li meta nstabet kien hemm diversi persuni u fil-post fejn instabet kien jintuza kemm mill-imputat kif ukoll minn hutu mal-ewwel ammetta li d-droga kienet tieghu, u l-fatt li fil-post ma nstab xejn konness mal-uzu, mal-abbuz jew mat-traffikar tad-droga, lkoll jirrendu l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat bhala verosimili.

Minn naha l-ohra l-Qorti jidhrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li d-droga misjuba ma kienetx intiza biss ghall-uzu esklussiv tal-imputat. Il-Qorti hija sodisfatta li r-raguni moghtija mill-imputat sabiex jispjega il-ghala dik il-kwantita` ta` droga nstabet fil-pussess tieghu, hija wahda verosimili, u ghaldaqstant jidhrilha li r-reat ta` pussess aggravat ma jirrizultax pruvat.

Illi f`dan ir-rigward, din il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti ta` l-Appell Kriminali f`sentenza tas-17 ta` Frar, 1997 fil-kawza fl-ismijiet 'Pulizija (Spettur Paul Debattista vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi' fejn il-Qorti qalet is-segwenti:-

*'L-ewwelnett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta` droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma` uzu personali u sa hawn il-priz tal-prova (u cioe` il-prova ta` l-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni. Jekk*

*pero` dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx ma` l-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta` probabbilita` li dak l-ammont kien ghal uzu esklussiv tieghu u dan b`applikazzjoni ta` l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101'.*

Ghal finijiet ta` piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali kwazi netta tal-imputat fejn jirrizultaw biss reati jew kontravenzjonijiet konnessi ma ksur tar-regolamenti tat-traffiku u affarijiet konnessi max-xoghol tal-imputat bhala *dealer* ta` vetturi jew *parts*, u anki t-trapass taz-zmien minn meta huwa tressaq b`arrest bl-akkuzi odjerni sa meta din il-kawza giet deciza, u jidhrilha li m`ghandhiex timponi piena karcerarja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 8(a),(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll l-Artikoli 3(1) u 9(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu, salv li kif spjegat aktar il-fuq in kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza huwa qed jinstab hati biss ta` pussess semplici, u tikkundannah multa ta` elf Ewro (€ 1,000).

Il-Qorti in oltre wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tordna lill-imputat sabiex sa zmien xahar mil-lum ihallas is-somma ta` mitejn u erbatax il-Ewro (€214), liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes tal-esperti mahtura mill-Qorti. Fin-nuqqas ta` hlas tal-multa jew tal-ispejjes konnessi mal-hatra ta` esperti l-ammont jinbidel f`jum prigunerija ghall-ekwivalenti f`Ewro ta` kull Lm 5 dovuta.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qorti u l-konfiska tal-arma esebita f`dawn l-atti favur il-Gvern ta` Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------